# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 7**

**Rikors numru 1043/20/2 GM**

**Andrew Azzopardi u Maria Carmela aħwa Azzopardi**

**v.**

**Global Capital Financial Management Limited**

1. Din is-sentenza titratta appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar, 2021, li ċaħdet it-talbiet tal-atturi minħabba l-ostaklu tal-ġudikat.

**<u>Preliminari</u>**

2. B'rikors maħluf ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 2020, l-atturi ppremettew u talbu s-segwenti:

*"1. Illi s-soċjeta' konvenuta irrendiet servizzi lill-atturi, konsistenti f'parir dwar investiment f'prodott magħruf bl-isem Lifemark S.A. Secure Income Bond 3 USD 0 G u Lifemark S.A. Secure Income Bond 4 USD – A1. Fuq dak il-parir, li fuqu l-atturi taw fiduċja lis-soċjeta' konvenuta nvestiet is-somma ta' USD47,617.341 fl-ewwel prodott u s-somma ta' USD43,718.262 fit-tieni prodott, f'isem Andrew Azzopardi, filwaqt li investiet is-somma ta' USD30,090.103 f'isem Carmela Azzopardi.*

*2. Illi sussegwentement il-Commission de Surveillance du Sectuer Financier (CSSF) fil-Lussemburgu ħatret lil KPMG Advisory S.a.r.l. bħala ammistratur provisorju ra' Lifemark S.A. għal perjodu ta' sitt xhur u Security Trustee għamel diversi pagamenti lill-appellati mill-kapital.*

*3. Illi l-atturi ma kinux nies ta' esperjenza fil-qasam finanzjarju u fdaw kompletament fis-soċjeta' konvenuta.*

*4. Illi min-naħa l-oħra s-soċjeta' konvenuta abbuzat din il-fiduċja u flok ma mxiet max-xewqat ta' l-atturi għamlet fattiha u qarrqet bl-atturi meta investiet flushom bil-mod kid dehrilha hi.*

*5. Illi s-soċjeta' konvenuta (a) ma kelliex tinvesti ammont kbir ta' flus fi prodott wieħed, li f'dan il-każ kien il-prodott Lifemark; (b) biegħet il-prodott Lifemark bħala wieħed sigur meta ma kienx; (c) insistiet b'mod konsiderevoli mal-appellat sabiex jinvesti fil-prodott Lifemark li ma kienx addattat għalih għaliex kien wieħed 'higħ risk'; (d) aġixxiet b'mod li kkawżat danni konsistenti f'telf ta' flus.*

*6. Illi permezz ta' proċeduri mibdija quddiem l-Arbitru għas-servizzi Finanzjarji u konklużi fl-appell permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri deċiża fl-1 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet Andrew Azzopardi vs Global Capital Management Limited, il-kumpanija konvenuta ġiet meqjusa illi "naqset milli (a) tħares l-aspettattivi raġonevoli u leġittimi tal-klijenti tagħha skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu 19(3) tal-Kap 555; (b) taġixxifl-aħjar interessi tal-istess klijenti skont ir-Regola 2.01; (ċ) timxi b'mod professjonali kif mistenni minnha bħala Licence Holder liċenzjata mill-MFSA; u (d) timxi bid-diliġenza ta' bonus pater familias skond l-artikolu 1124A et seq tal-Kap 16. Minn dak kollu jista jsegwi biss li s-soċjeta' appellanta ingannat lill-klijenti tagħha bil-pariri xejn professjonali u saħansitra xi kultant anki għarrieqa tagħha u għalhekk għanha tinżamm responsabbli għal dak li setgħu ġarrbu l-appellati bħala konsegwenza tal-investiment magħmul ħażin."*

*7. Illi f'dik l-istanza l-atturi irkupraw l-investiment tagħhom flimkien ma' l-imgħax mid-data tad-deċizjoni ta' l-arbitru u ċioe mid-9 ta' Mejju 2018 il-quddiem.*

*8. Illi kawża ta' l-aġir skorrett tas-soċjeta' intimata l-atturi ġarrbu diversi danni konsistenti prinċipalment f'telf ta' qliegħ u profitti li għalihom għadhom ma ġewx ikkumpensati u jridu jiġu kkumpensati.*

*9. Illi din il-kawża qed issir miż-żewġt atturi li għandhom interess komuni fl-eżitu ta' din il-proċedura u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn l-attur Andrew Azzopardi li għandu konoxxenza vera u proprja tal-atti in kawża.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandiex:-*

*1. Tiddikjara illi kawża ta' l-aġir skorett tal-konvenuta fuq deskritt l-atturi ġarrbu diversi danni konsistenti prinċipalment f'telf ta' qliegħ u profitti.*

*2. Tillikwida dawk id-danni hekk sofferti mill-atturi.*

*3. Tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas dawk id-danni hekk likwidati lill-atturi.*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Settembru 2020 u bl-inġunzjoni tal-konvenuta minn issa għas-subizzjoni".*

3. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fis-7 ta' Diċembru, 2020[1], is-soċjeta` konvenuta tat ir-rendikont tagħha tal-fatti segwit mis-segwenti eċċeżżjonijiet:

*"(1) Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi l-vertenza odjerna diġa ġiet esawrita permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) fl-1 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet premessi Appell Inferjuri numru 66/2018LM liema sentenza għaddiet in ġudikat; Għalhekk it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;*

*(2) Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, fi kwalsiasi każ it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet premessi, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*(3) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

[1] Fol. 9

*Bl-ispejjez kollha inkluz tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ottubru 2020 u ta' l-atti relattivi u konkomitanti l-oħra kollha, kontra r-rikorrenti li ġew nġunti għas-subizzjoni."*

4. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Frar, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi laqgħat l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta, u għalhekk, filwaqt li ddikjarat illi għat-talbiet tal-atturi hemm l-ostaklu tal-ġudikat, ċaħdet l-istess talbiet.

5. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu prinċipalment is-segwenti:

> *"Permezz ta' din il-kawża, l-atturi qegħdin jitolbu d-dikjarazzjoni, likwidazzjoni u ħlas ta' danni minħabba li l-konvenuta qarrqet bl-atturi meta tagħthom parir dwar investiment ta' flushom fi prodott bl-isem Lifemark. Talbiet li diġa` għamlu quddiem l-Arbitru Għas-Servizzi Finanzjarji:*
>
> > *"Is-sinjuri Andrew u Maria Carmela aħwa Azzopardi qegħdin jitolbu li jiġi dikjarat li l-kumpanija Global Capital plc aġixxiet b'mod skorrett u qarrieqi li jmorru kontra l-prattiċi kummerċjali nġusta u dan fil-konfront tagħhom; tiddikjara li l-kumpanija tat pariri ħżiena u aġixxiet b'nuqqas ta' ħila u sengħa fit-twettiq tal-inkarigu tagħha li jmorru kontra l-guidelines u regolamenti tal-MFSA; tiddikjara li l-kunsens tal-aħwa Azzopardi inkiseb b'għemil doluż u ingann adoperat għad-dannu tagħhom mir-rappresentanti tal-istess kumpanija kif ukoll kien risultat ta' għemil qarrieqi tal-kumpanija li ma għaddietx id-dettalji kollha tar-riskji nvoluti fl-investiment; tiddikjara li għalhekk l-kumpanija* ***hija responsabbli għad-danni kollha li huma sofrew; tillikwida l-ammont tat-telf u danni sofferti; u għalhekk tikkundanna lill-kumpanija sabiex iħallsu l-ammont hekk likwidat.***
> >
> > *L-ammont li nvestew l-aħwa Azzopardi huwa dak ta' UDS76,320.30 filwaqt li Maria Carmela Azzopardi għandha tiġbor l-ammont ta' USD25,417.87.*
> >
> > *Qed tintbagħat kopja taċ-ċertifikat minn fejn jirriżulta l-flus li nvestew l-aħwa Azzopardi."*
>
> *L-Arbitru laqa' t-talbiet tagħhom b'deċiżjoni tad-9 ta' Mejju 2018 li permezz tagħha wara li ddikjara li l-atturi kellhom jitpoġġew fil-pożizzjoni li kienu fiha qabel għamlu l-investiment (restitutio in integrum), ikkundanna lis-soċjeta` konvenuta biex trodd lura l-kapital*

*investit wara li jitnaqqas ir-rikavat li rċevew, bl-imgħax legali mid-data tad-deċiżjoni sad-data tal-ħlas effettiv.*

*Is-soċjeta` konvenuta appellat mid-deċiżjoni tal-Arbitru. L-atturi wieġbu, fost l-oħrajn, li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija waħda ġusta u timmerita konferma. L-Onorabbli Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tal-Arbitru.*

*Il-ġudikat huwa l-karatteristika ewlenija tal-attivita` ġurisdizzjonali. Dan ifisser li d-deċiżjoni, li f'ċertu mument tidentifika ruħha mat-tmiem tal-mezzi ordinarji ta' impunjazzjoni jew id-dekadenza tal-istess, ma tkunx tista' tinbidel iktar – res judicata pro veritate acciptur. Fenomenu dan, li ma niltaqgħux miegħu fil-kamp leġislattiv jew f'dak amministrattiv, għax liġi tista' dejjem tiegħi mħassra u provvediment amministrattiv irrevokat and wara li jkun sar definittiv. Il-fundament tal-ġudikat huwa l-interess pubbliku li l-kawżi jinqatgħu b'ħeffa u b'mod definittiv, għaliex sakemm jiġu riżolti jikkawżaw inċertezza tad-dritt u allura d-diżordni soċjali. Għalhekk hemm min hu tal-fehma li din l-eċċezzjoni tista' titqanqal ukoll mill-Qorti ex officio. Il-prinċipju tal-ġudikat iħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti b'sentenza, u jbiegħed il-possibilita` ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin. Il-ġudikat mhux biss huwa fl-interess pubbliku - interest rei publicae ut sit finis litium - imma huwa wkoll jedd fundamentali ewlieni tal-bniedem, li għandu dritt għal deċiżjoni definittiva dwar kull tilwima ċivili jew proċess kriminali, quddiem tribunal indipendenti u imparzjali fi żmien raġonevoli.*

*Biex jissussisti l-ġudikat, iridu jikkonkorru t-tlett elementi tal-eadem personae, eadem res, eadem causa petendi. L-ewwel element huwa soġġettiv għax jiddetermina <u>fil-konfront ta' min</u> joperaw l-effetti tas-sentenza; iż-żewġ elementi l-oħra huma oġġettivi; għax jirrigwardaw <u>xhiex ikun kopert b'dawn l-effetti</u>. Dan għaliex fin-nuqqas ta' xi wieħed minn dawn l-elementi, ma jistax jingħad li l-kwistjoni tkun l-istess waħda –alia res est. F'ħafna istanzi li tqanqlu matul iż-żminijiet quddiem dawn il-Qrati kien hemm sfumaturi ta' ċirkostanzi li jpoġġu fid-dubbju s-sussistenza ta' dawn it-tlett elementi. Huwa minnu li dan l-istitut jiġi nterpretat b'mod strett, u għalhekk f'każ ta' dubbju, jitqies li ma jissussistix il-ġudikat. B'danakollu, għalkemm irid ikun hemm identita` bejn kull element tal-ewwel u t-tieni kawża, il-ġudikat jifrex l-effetti tiegħu mhux biss meta jkun hemm l-identita` triplika li għadha kif issemmiet – f'liema każ it-tieni Qorti tkun assolutament impeduta milli tisma' t-tieni kawża – imma wkoll meta jkun hemm varjazzjoni tal-causa u/jew tat-talba imma fit-tieni istanza titqanqal kwistjoni li tkun diġa` ġiet definita permezz tas-sentenza anteċedenti bejn l-istess partijiet, f'liema każ it-tieni Qorti ma tkunx impeduta milli tisma' l-kawża u tagħti sentenza, imma tkun prekluża milli tiftaħ mill-ġdid kwalunkwe kwistjoni li tkun ġiet dibattuta fl-ewwel proċess u deċiża fl-ewwel sentenza; anzi tkun marbuta li timxi mal-ewwel statuwizzjoni fis-sentenza li eventwalment tiġi biex tippronunzja: "La cosa giudicata*

*osta che si sollevino questioni nuove assorbite dal giudicato deventato irrevocabile".*

*Fil-każ preżenti, iżda, m'hemm l-ebda dubbju li dawn il-fatturi jeżistu t-tlieta; il-kawża hija bejn l-istess partijiet, qegħdha ssir l-istess talba (għad-danni) u fuq l-istess kawżali (qerq).*

*Kif diġa` ngħad, l-Arbitru laqa' t-talba għad-danni; iddikjara li dawn kellhom jingħataw b'mod li l-atturi jiġi mpoġġija fl-istat finanzjarju li kienu fih qabel m'għamlu l-investiment u għalhekk ordna r-radd lura tal-kapital kollu u l-imgħax mid-data tad-deċiżjoni. Filwaqt li quddiem l-arbitru, l-atturi talbu ħlas tad-**"danni kollha li huma sofrew"** quddiem din il-Qorti qed jitolbu kumpens għal **"diversi danni konsistenti f'telf ta' qligħ u profitti."** It-talba preżenti hija iktar speċifika mit-talba quddiem l-Arbitru u għalhekk hija kompriża fiha. L-arbitru laqa' t-talba u bħala danni akkorda r-restituzzjoni tal-kapital u l-imgħax. Jidher (għalkemm dan għadu ma ġiex ippruvat għaliex f'dan l-istadju għadhom ma tressqu l-ebda provi) li l-konvenuti ħallsu dawn id-danni lill-atturi li aċċettawhom u ddikjaraw li l-ħlas kien għas-saldu. F'liema eventwalita` mhux biss jista' jkun hemm il-ġudikat imma wkoll l-obbligazzjoni tkun ġiet estinta. Imma indipendentement minn din l-eventwalita`, jidher li l-atturi mhumiex kuntenti b'li tahom l-Arbitru u, bħal Oliver Twist fin-novella famuża ta' Charles Dickens ("Please Sir, I want some more") qed jadixxu lil din il-Qorti u jitolbuha iktar: danni fil-forma ta' telf ta' qliegħ u profitti. Ħaġa li setgħu għamlu billi appellaw mis-sentenza jew billi daħħlu appell inċidentali fil-proċedura tal-appell li fetħet is-soċjeta` konvenuta. Issa pero` s-sentenza għaddiet in ġudikat. Mhux hekk biss imma. Fir-risposta tal-appell, l-atturi stqarru li s-sentenza tal-Arbitru kienet waħda ġusta u timmerita konferma. Li jfisser li akkwijexxew għaliha. It-talba preżenti għalhekk ma tistax tintlaqa' anke jekk bħala danni l-atturi kellhom xi dritt jipperċepixxu mhux biss l-imgħax imma wkoll kumpens għat-telf ta' qliegħ u profitti. Il-Qorti mhix qed tgħid li għandhom, jew li m'għandhomx, xi dritt bħal dan; qed tgħid biss li huwa rrilevanti jekk kellhomx dan id-dritt jew le.*

*Fil-fatt – u dan il-Qorti qed tgħidu biss u strettament obiter għax jeżorbita mill-kwistjoni dwar il-ġudikat, u wkoll sabiex tindirizza kumment li sar fit-tielet paragrafu tar-risposta ġuramentata - bħala regola ġenerali "Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jitqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena" (Art. 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili). Dan il-leġislatur għamlu biex jevita kwistjonijiet diffiċli, u indaġnijiet ikkumplikati biex jiġu likwidati d-danni. Għalhekk, min-naħa l-waħda, il-kreditur m'għandux bżonn jipprova li sofra xi dannu bid-dewmien (Art. 1140 Kodiċi Ċivili) u min-naħa l-oħra, lanqas ikollu xi jedd għal danni ikbar jew oltre dawk iffissati mil-liġi. Huwa biss eċċezzjonalment – fil-każ li l-ħsara tkun ġiet ikkawżata dolożament li l-Qorti tista' (mhux bilfors) skont iċ-ċirkostanzi tagħti indennizz għal kull ħsara oħra li batiet, kompriż kull telf ta' qligħ (Art. 1047(2) tal-Kodiċi Ċivili). Inċidentalmet l-Arbitru mhux*

*marbut, fl-għoti tax-xorta ta' danni li jista jagħti, mad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili kif inhi marbuta din il-Qorti."*

6. L-atturi appellaw u talbu lil din il-Qorti:

*"sabiex in vista tal-ewwel aggravju tannulla s-sentenza mogħtija minn l-Ewwel Qorti w subordinarjament f'każ illi ma jintlaqax l-ewwel aggravju tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija konvenuta w tordna illi l-każ jitkompla fil-mertu. Bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-kumpannija konvenuta."*

7. Is-soċjeta` konvenuta wieġbet illi l-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-atturi.

## Konsiderazzjonijiet

8. L-ewwel aggravju tal-atturi huwa li ma ngħatawx smigħ xieraq mill-Ewwel Qorti. Jilmentaw li fl-ewwel udjenza, ossija dik tat-28 ta' Jannar, 2021, deher l-avukat Dr.Andrew Sciortino minflok l-avukat li ffirma r-rikors promutur, ossia Dr.Kevin Mompalao, billi dan tal-aħħar kien indispost. Skont l-atturi, għalkemm minn dan kollu li ser jingħad ma ġie vverbalizzat xejn, f'dik l-udjenza Dr.Andrew Sciortino talab l-inverżjoni tal-provi fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u l-allegazzjoni tal-atti ta' kawża oħra bejn il-partijiet. Min-naħa l-oħra, is-soċjeta` konvenuta ddikjarat li apparti dak l-inkartament ma kellhiex provi oħra f'dak ir-rigward. L-appellanti jsostnu li l-avukat Sciortino għalhekk talab posponiment ta' ftit minuti sabiex jikkomunika telefonikament mal-avukat Mompalao biex jara kienx hemm xi provi oħra li l-atturi riedu jressqu. Jallegaw li minħabba f'hekk,

l-Imħallef sedenti '*infexx jgħajjat u litteralment mar fuq l-insolenti fil-konfront tal-avukat bi kliem bħal "x'tip ta' avukat int", "ma tiġix preparat għall-kawżi", u kliem ieħor ripetut diversi drabi "messek tistħi" u "int tal-mistħija"'* u lill-avukat Sciortino mhux biss ma kkonċedilux il-posponiment mitlub, talli ma ħalliħx jirreġistra dikjarazzjoni fil-verbal. L-atturi jilmentaw li l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza mingħajr lanqas '*mera trattazzjoni jew nota ta' osservazzjonijiet'.* Jikkontendu li ħabba f'hekk is-sentenza appellata tikser id-dritt għal smigħ xieraq u għandha tiġi annullata.

9. Is-soċjeta` appellata min-naħa tagħha rrispondiet illi dan l-aggravju mhuwiex validu għaliex din il-Qorti m'għandiex il-kompetenza ta' Qorti Kostituzzjonali. Bla ħsara għal dan, fil-meritu l-appellata wieġbet illi l-atturi kienu jafu bl-eċċezzjoni tar-*res judicata* qabel il-*primo appuntamento* u għalhekk setgħu rregolaw ruħhom qabel. Dan apparti l-fatt illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat hija waħda legali u ħlief l-atti tal-proċess 66/2018LM ma kienx hemm provi oħra li setgħu ġew preżentati. Tgħid li trattazzjoni ma ntalbitx u lanqas ma sar rikors sabiex tiġi ppreżentata nota ta' sottomissjonijiet. Issostni għalhekk li dan l-aggravju huwa frivolu u vessatorju.

10. Il-jedd ta' smigħ xieraq f'kawża hu jedd fundamentali. Skont Art. 790 tal-Kap. 12:

> *"Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiemeċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni magħandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha,ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjonijew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jewfuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija extra petita jew ultra petitajew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq"*.

11. Il-posponiment li l-atturi qegħdin jgħidu li ntalab waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar, 2021, ma jirriżultax mill-verbal. Il-verbal jaqra hekk:

> *"Meta ssejħet il-kawża deher Dr Andrew Sciortino għall-atturi.*
>
> *Dehru Dr Sharon Pace Gouder u Dr Roderick Zammit Pace għas-soċjeta konvenuta.*
>
> *Dr Andrew Sciortino jitlob l-allegazzjoni tal-proċess 66/2018LM deċiż 1 ta' Lulju 2020.*
>
> *Is-soċjeta konvenuta tirrimetti ruħha.*
>
> *Il-Qorti tilqa' t-talba.*
>
> *Kawża differita 25 ta' Frar 2021 għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tissejjaħ fl-10:00 a.m"*.

12. Provi oħra m'hemm xejn. Allegazzjonijiet biss hemm. Dan apparti li fl-ebda stadju tal-appell ma saret talba mill-atturi sabiex iressqu provi dwar dak li ġara fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2021, li saret quddiem l-Ewwel Qorti. Għalkemm l-atturi qalu wkoll li *".... ma kienx raġonevoli li wieħed ikun jaf minn qabel li l-kumpanija konvenuta ma kinitx ser tressaq provi u kienet ser tagħlaq il-provi tagħha fil-prim'appuntamento"*. Argument fieragħ għaliex l-uniku prova li kien hemm bżonn fir-rigward ta' eċċezzjoni ta' *res judicata* kienet il-proċess tal-kawża li nstemgħet quddiem l-Arbitru u l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) u xejn iktar. Tant hu hekk li wkoll fir-rikors tal-appell l-atturi ma semmewx xi provi oħra.

13. Għal dak li jirrigwarda l-ilment tal-atturi li ma ngħatawx id-dritt li jagħmlu sottomissjonijiet fir-rigward tal-eċċezzjoni, mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2021, ma jirriżultax li l-atturi għamlu xi talba f'dak is-sens. Mill-atti lanqas ma jirriżulta li wara s-seduta tat-28 ta' Jannar, 2021, ippreżentaw rikors u talbu lill-Qorti biex tagħtihom żmien biex jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub dwar l-eċċezzjoni ta' *res judicata*. Kieku riedu verament jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub kellhom altru milli biżżejjed żmien sabiex jagħmlu t-talba għaliex is-sentenza appellata ngħatat fil-25 ta' Frar, 2021.

14. F'kull każ fir-rikors tal-appell l-atturi għamlu l-argumenti tagħhom għalfejn fil-fehma tagħhom l-ewwel Qorti kellha tiċħad l-ewwel eċċezzjoni (ara t-tieni aggravju). Imbagħad fis-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2022, saret ukoll trattazzjoni quddiem din il-Qorti. Għalhekk l-argumenti tal-atturi xorta ser jiġu kkunsidrati f'dan l-istadju.

15. Għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju.

16. It-tieni aggravju jolqot il-meritu. L-atturi jilmentaw illi kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, mhux minnu li t-talba tagħhom f'din il-kawża hija *res judicata.* Jisħqu li fil-każ bejn l-istess partijiet bin-numru 66/2018, l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji ma daħalx

fil-kwistjoni tad-danni sofferti bħala telf ta' qligħ, ossija d-danni li ġew mitluba permezz tal-kawża odjerna, iżda '*illimita ruħu sabiex ikkundanna lill-kumpanija konvenuta tirrifondi l-investimenti li kienu għamlu'* flimkien mal-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza. Skont l-atturi, minkejja dak deċiż mill-Ewwel Qorti, ossija li l-imgħaxijiet huma forma ta' danni, f'dan il-każ l-imgħaxijiet akkordati fil-kawża l-oħra kellhom jiddekorru mid-data tad-deċiżjoni tal-arbitru u mhux mid-data tal-investiment. Allura jsostnu li l-istess huma biss konsegwenza ta' titolu eżekuttiv. Jgħidu li huma qatt ma setgħu jappellaw fuq il-kwistjoni tad-danni għaliex l-Arbitru qatt ma daħal fuq kwistjonijiet dwar telf ta' qligħ u għalhekk, *ab omessa decisione,* l-uniku rimedju għalihom kien b'rikors maħluf. Jinsistu li kieku l-investiment li huma għamlu ġie nvestit sew, kien se jrendi qligħ.

17. Il-fatti huma s-segwenti:

17.1. It-talba tal-atturi fl-ilment li għamlu lill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fil-proċeduri OAFS 488/2016 kienet taqra:[2]

> *"tiddikjara li għalhekk il-kumpannija hija responsabbli għad-danni kollha li huma sofrew; tillikwida l-ammont tat-telf u danni sofferti; u għalhekk tikkundanna lill-kumpannija sabiex iħallsu l-ammont hekk illikwidat"*.

17.2. Fid-deċiżjoni li ngħatat mill-Arbitru fid-9 ta' Mejju, 2018[3], ġie deċiż:

[2] Fol. 9 tal-atti ta' dawk il-proċeduri
[3] Fol. 469 *et seq*. tal-atti ta' dawk il-proċeduri

> *“Ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar ’il fuq f’din id-decizjoni, l-Arbitru jikkonkludi li l-ilment taz-zewg ilmentaturi huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz, u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma’ din id-decizjoni.*
>
> *Huma ghandhom jitpoggew kemm jista’ jkun fil-pozizzjoni li kienu fiha qabel ghamlu dan l-investiment. Mis-somma investita, l-Arbitru qed inaqqas ir-rikavat li rcevew.*
>
> *Ghaldaqstant, ai termini tal-Artikoli 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Arbitru qed jordna lil GlobalCapital Financial Management Ltd. thallas*
>
> *a. lill-ilmentatur, Andrew Azzopardi, is-somma ta’ sitta u sebghin elf, tlett mija u ghoxrin dollaru Amerikan (USD76,320), jew l-ekwivalenti taghhom fl-ewro skont l-Artikolu 21(3)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta’ Malta, u*
>
> *b. lill-ilmentatrici, Maria Carmela Azzopardi, is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf, erba’ mija u sbatax-il dollaru Amerikan (USD25,417), jew l-ekwivalenti taghhom fl-ewro skont l-Artikolu 21(3)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta’ Malta.*
>
> *Bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.*
>
> *L-ispejjez legali ta’ dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.”*

17.3. Mid-deċiżjoni appellat biss is-soċjeta` konvenuta (appell nru. 66/2018LM) mentri l-atturi wieġbu li l-Qorti kellha tiċħad l-appell[4];

17.4. Permezz ta’ sentenza mogħtija fl-1 ta’ Lulju, 2020, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ċaħdet l-appell u kkonfermat id-deċiżjoni.

17.5. Fl-10 ta’ Novembru, 2020, l-atturi fetħu din il-kawża fejn talbu ħlas ta’ danni konsistenti prinċipalment f’telf ta’ qligħ.

[4] Fol 98 *et seq* tal-atti ta’ dak l-appell

17.6 Bis-sentenza appellata li ngħatat fil-25 ta' Frar, 2021, l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet tal-atturi.

18. Fl-ewwel lok il-każ **Andrew Azzopardi et v. GlobalCapital Financial Management Ltd** (numru 488/2016) li nstema' u ġie deċiż mill-Arbitru, kien bejn l-istess partijiet f'din il-kawża. Kien ukoll dwar l-investiment Lifemark S.A. Secure Income Bond 3 u Lifemark S.A. Secure Income Bond 4, li fihom l-atturi lmentaw mill-aġir tal-konvenuta fl-investiment li sar u li wassal biex sofrew danni.

19. L-atturi jsostnu illi m'hemmx ġudikat dwar id-danni li qegħdin jippretendu għaliex qalu li l-Arbitru ma ddeċidiex dwarhom u għalhekk l-uniku rimedju li kellhom kien li jiftħu l-kawża tallum.

20. Il-Qorti ma taqbilx. Id-danni li jippretendu l-atturi kienu r-rimedju li talbu l-atturi fil-kawża quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji. F'dawk il-proċeduri l-Arbitru llikwida d-danni fl-ammont ta' USD76,320.

21. Jekk l-atturi kienu qegħdin jippretendu somma ikbar bħala danni għaliex qegħdin issa jgħidu li sofrew telf ta' qligħ, kellhom jappellaw minn dik id-deċiżjoni. Mhux talli m'appellawx talli fit-tweġiba għall-appell għar-rikors tal-kumpanija konvenuta, iddikjaraw:

> *"Illi fl-umli fehma tagħhom id-deċiżjoni tal-arbitru tas-servizzi finanzjarji hija waħda ġusta w timmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti".*

22. Wara li għamlu l-argumenti għalfejn l-appell kellu jkun miċħud, ikkonkludew li:

*"Għaldaqstant l-esponenti umilment jidhrilhom illi din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma d-deċiżjoni appellata, tirriġetta l-appell tal-GlobalCapital Financial Management Limited bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti".*

23. Jekk l-affarijiet kellhom isiru kif qegħdin jippretendu l-atturi bit-tieni kawża li għamlu, u jkun ifisser li kwistjoni ma tispiċċa qatt u dan kontra l-ħtieġa ta' ċertezza legali li hemm wara l-prinċipju ta' *res judicata*.

24. Hu minnu li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti għamlet ukoll referenza għall-Art. 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili. Pero' għamlitha ċara li dak li qalet kien biss *"obiter għaliex jeżorbita mill-kwistjoni dwar ġudikat"*. Il-kwistjoni li ġiet determinata bis-sentenza appellata hi l-eċċezzjoni ta' *res judicata* u xejn iktar.

25. Għaldaqstant, tiċħad ukoll it-tieni aggravju.

Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-atturi. Peress li l-appell hu fieragħ, tikkundanna lill-atturi jħallsu lill-konvenuta l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn (Art. 233(4) tal-Kap. 12).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da